pulse

# Lejn Iżjed Drittijiet, b'Akbar Responsabbilta`



Dokument Uffiċjali Maħruġ mill-Għaqda Pulse

Frar 2011

www.pulse.org.mt

## Werrej

Għan

Twemmin 01

Sfond 02

1. L-Aspett Soċjali 03
   - 1.1. Nuqqas ta' Leġislazzjoni 03
   - 1.2. L-għażla tan-nies 03
   - 1.3. Il-liġi tal-Koabitazzjoni 04
   - 1.4. Tifrik fiż-Żwieġ 04
   - 1.4. Diskriminazzjoni 04

2. L-Aspett Ekonomiku 05
   - 2.1. L-influwenza tal-flus fuq il-familja 05
   - 2.2. Impatti tad-divorzju fuq l-ekonomija 05
   - 2.3. Impatti ekonomiċi tad-divorzju fuq is-soċjeta 06
   - 2.4. Konluzjonijiet ekonomiċi 06

3. L-Aspett Legali 08
   - 3.1. Rikonċiljazzjoni 08
   - 3.2. Kawża wara d-divorzju 08
   - 3.3. Manteniment 08
   - 3.4. Kura u kustodja tat-tfal 09
   - 3.5. Żwieġ tal-Knisja u d-Dritt Kanoniku 09
   - 3.6. Suċċessjoni 09
   - 3.7. Kontradizzjoni 09
   - 3.8. Mistoqsija 10

4. L-Aspett Politiku 11
   - 4.1. L-ideoloġija xellugija 11
   - 4.2. Il-Kamp Konservattiv 11
   - 4.3. Perspettiva Sekulari 11
   - 4.4. Iż-żmien 12
   - 4.5. Partiġġaniżmu 12
   - 4.6. Mandat 12
   - 4.7. Rappreżentanza 13
   - 4.8. Referendum 13
   - 4.9. Il-Movimenti 13

Konklużjoni 14

## Għan

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jispjega fid-dettal il-pożizzjoni tal-għaqda studenteska Pulse dwar l-introduzzjoni tad-divorzju ġewwa Malta. Din ma hijiex l-ewwel darba li l-għaqda ħejjiet rapporti ta' dan ix-xorta kemm dwar suġġetti relatati mal-edukazzjoni u kif ukoll oħrajn marbuta mal-oqsma soċjali, ekonomiċi u politiċi f'pajjiżna u wkoll barra minn xtutna.

L-għaqda tħoss li inizjattivi bħal dawn jgħinu sabiex bħala studenti u rappreżentanti tagħhom jkollna parteċipazzjoni adekwata fuq bażi nazzjonali. Iż-żagħżagħ u l-istudenti huma ċ-ċittadini, l-ġenituri u l-ħaddiema ta' għada u ma jistax ikun li postna fid-diskussjoni jitħalla vojt. Is-sehem tagħna dwar suġġetti daqstant sensittivi bħal ma huwa d-divorzju huwa kruċjali għas-soċjeta', l-aktar meta l-ġenerazzjonijiet tal-lum qegħdin f'pożizzjoni li jiddeċiedu għal dawk ta' għada.

B'maturita' u rieda soda li tifhem, tistħarreġ u tikkonsulta Pulse qegħda tippreżenta din il-pożizzjoni sabiex tgħin fit-teħid tal-aqwa deċiżjonijiet. Il-pożizzjoni tal-għaqda hija akkumpanjata b'numru ta' suġġerimenti li jgħinu d-diskussjoni kemm fuq bażi leġislattiva u anke fuq bażi individwali.

Ir-rapport janalizza d-divorzju minn erbgħa perspettivi; soċjali, ekonomiċi, legali u politiċi. Fih insibu kritika kostruttiva tas-suġġett fih innifsu, kif huwa jolqot ix-xenarju Malti u saħansitra d-diskussjoni u l-kampanji mibnija fuqu. L-iskop aħħari tagħna huwa li fl-aħħar mill-aħħar l-pajjiż jagħmel l-aħjar deċiżjoni favur l-interessi tal-familji, koppji u ulied Maltin u Għawdxin.

L-Eżekuttiv

*Frar 2011*

# Twemmin

Sabiex wieħed jifhem aħjar il-metodu li bih l-Eżekuttiv flimkien mal-organi tal-għaqda waslu għall-pożizzjoni preżentata f'dan id-dokument, ir-rapport jiddeskrivi l-ewwel it-twemmin li ħaddnet l-għaqda sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha dwar id-divorzju f'Malta.

Dawn li ġejjin huma sett ta' prinċipji li mxiet l-għaqda, punti li għandhom iservu bħala l-punt tat-tluq sabiex wieħed jagħraf aħjar l-proċess li tfasslu bih il-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport.

- Minkejja li l-għaqda hija waħda politika, il-prijorita' tagħha f'dan il-kuntest ma kinitx l-ideoloġija li tħaddan iżda l-bżonn li jiġu indirizzatti sfidi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom il-familji Maltin fil-preżent. Għaldaqstant il-kwistjoni tad-divorzju ġiet diskussa b'metodi li jirrispettaw is-sensittivita' tagħha, aktar milli b'oħrajn li jagħtu aktar importanza lil pożizzjoni tagħna fuq l-ispektru politiku.

- Pulse dejjem emmnet fl-opportunita', prattikata realistakemt f'soċjeta' li tippromwovi l-ġustizzja soċjali fid-deċiżjonijiet li jittieħdu. Fundamentali għalina huma t-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u wkoll it-tiġdid soċjali permezz ta' aktar drittijiet ċivili. Dawn it-tnejn kienu minn dejjem 'il fuq fost il-lista ta' suġġetti li l-għaqda għandha politika stabbilita u uffiċjali fuqhom.

- L-istess jista' jingħad għal familja. Kull meta Pulse ġiet biex toħroġ pożizzjoni fuq suġġett ta' kwalunkwe xorta, l-istudent qatt ma ġie kkunsidrat waħdu iżda fi sfond akbar li huwa l-familja. L-aġenda tagħna f'każi bħal dawn ma tkunx limitata biss għall-istudenti iżda wkoll għal familji tagħhom. Dan għaliex Pulse tqis il-familja bħala kontributur ewlieni fil-proċess ta' edukazzjoni u kif ukoll aġent unika tas-soċjalizzazzjoni primarja.

- Nemmnu għalhekk f'familji b'saħħithom, mhux għax dan huwa ddettatt minn xi reliġjon jew valur tradizzjonali, iżda għax verament naprezzaw il-karatteristiċi importanti li tipprovdi l-familja b'saħħitha lil membri tagħha u lill-bqija tas-soċjeta'.

- Sabiex il-pożizzjoni tagħna dwar id-divorzju tkun waħda kredibbli u li tesprimi integrita', l-għaqda tagħmilha ċara li bħal dejjem, id-diskussjoni fi ħdanha kienet ibbażata fuq ideat sekulari u li jeskludu għal kollox interessi jew ostakli oħra partiġġani. Għalkemm ġew diskussi diversi opinjonijiet minn individwi u organizzazzjonijiet differenti, l-għaqda m'għandha l-ebda interess li taġevola lil ebda parti tad-diskussjoni. Huma biss in-nies ordinarji affetwati mid-divorzju li jaqgħu fl-interess tal-għaqda.

- Fl-aħħar nett l-għaqda tagħraf ukoll il-bżonn li l-istat jikkumplimenta s-soċjeta' u l-għażliet tagħha b'regolamentazzjoni u sostenn kontinwi. Ma nittolerawx sitwazzjonijiet fejn is-soċjeta' tagħżel li tieħu triq u l-istat jimxi f'direzzjoni opposta. Dawn it-tnejn hemm bżonn li jimxu verament id f'id sabiex kemm jista jkun ma nċaħdux nies milli jgħixu l-ħajja tagħhom kif jixtiequ mingħajr ma joħolqu impatti negattivi fuq persuni oħra.

Dawn is-sitt punti kienu d-direzzjoni tagħna lejn deċiżjoni formali dwar il-ħtiġijiet li għandna bżonn f'pajjiżna u l-proposta dwar l-introduzzjoni tad-divorzju. Għalkemm dawn il-prinċipji jafu jvarjaw minn dawk li kapaċi jħaddnu organizzazzjonijiet oħrajn, dawn huma l-ideali bażiċi li ħaddnet l-għaqda mill-bidu tagħha. L-istess prinċipji li jħaddnu l-eluf ta' studenti membri fl-għaqda llum il-ġurnata.





# Sfond

Il-kunċett tad-divorzju mhux xi invenzjoni tad-dinja moderna. Nafu li hemm referenza għad-divorzju saħansitra fi żmien il-Greċja antika u l-Bibbja. Fi żmien il-Medju Evu, minħabba l-forzi reliġjużi ta' dak iż-żmien, kien ikkastigat. Kien fil-perjodu ta' wara li twieled id-divorzju kif nafuh illum, id-divorzju mibni fuq iż-żwieġ ċivili fir-riformi li bdew jintroduċu fi żmien il-Protestantiżmu ta' Luteru. Dak iż-żmien id-divorzju kien jingħata biss f'każi ta' infedelta'.

Minn dak iż-żmien sal-lum, kienet mixja għall-pajjiżi madwar id-dinja ta' diversi leġislazzjoni bħad-divorzju. Filwaqt li pajjiżi Musulmani kienu diġa' jirrikonoxxu d-divorzju, f'ħafna pajjiżi Ewropej segwew kontroversji kbar kontra ż-żwieġ biċ-ċivil u d-divorzju. Biżżejjed insemmu li fi Franza d-divorzju kien legali fl-1792 imma reġa' ġie llegalizzat fl-1816 għal xi żmien. L-Italja daħħlitu fl-1974 filwaqt li pajjiżi oħra damu aktar, bl-Irlanda tillegalizza d-divorzju fl-1997.

Illum il-ġurnata huma l-Filippini u Malta ż-żewġ pajjiżi li fihom id-divorzju mhux legali. Dan ma jfissirx li fiż-żewġ pajjiżi qatt ma kien hemm attentati sabiex jiġi imdaħħal id-divorzju. Speċjalment fil-Filippini, l-influwenza u l-poteri tal-awtoritajiet reliġjużi għenu sabiex imblukkaw sforzi leġittimi sabiex jiddaħħal id-divorzju.

Anke f'Malta; id-diskussjoni dwar id-divorzju ma bdietx fiż-żmien riċenti. Tmur lura għal għexieren ta' snin. Bħal ħafna suġġetti oħra f'din il-gżira, id-diskussjoni normalment tibda miż-żewġ partiti ewlenin. Hekk ġara wkoll dwar id-divorzju, fejn fis-snin tmenin fazzjonijiet mill-Partit Laburista kienu qed jipproponu li s-suġġett tad-divorzju jittella' għad-diskussjoni fil-Konferenza Ġenerali tal-Partit. Sa minn dak iż-żmien id-divorzju baqa' suġġett li jqum minn żmien għall-ieħor, u jissemma biss minn forsi xi ġurnalisti jew nies bi problemi li ħassewhom imċaħħda minnu.

Naħsbu li d-diskussjoni dwar id-divorzju ħadet saħħitha wara li Malta ingħaqdet fl-Unjoni Ewropea fl-2004. Fil-fatt wieħed mill-argumenti ta' dawk favur id-divorzju huwa li bħala membri sħaħ tal-Unjoni Ewropea ma jistax ikun li Malta għadha tikkonsidra d-divorzju llegali. Fil-preżent id-divorzju f'pajjiżna huwa rikonoxxut biss mill-Qrati Maltin jekk dan ikun inġieb minn xi pajjiż ieħor.

# 1. L-Aspett Soċjali

Dan huwa bla dubju l-aktar aspett importanti meta wieħed jiddiskuti d-divorzju u ċertament li jilgħab parti influwenti mmens fuq il-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport. Il-perspettiva soċjali meħuda f'din il-pożizzjoni ma tiqafx biss fejn jikkonċerna l-impatt tad-divorzju fuq is-soċjeta' inġenerali iżda wkoll fuq l-effetti tiegħu fuq il-persuni individwali.

Deċiżjoni dwar id-divorzju ċertament li se jkollha effetti fit-tul fuq il-familji tagħna u r-relazzjonijiet soċjali bejn il-membri tas-soċjeta'. Id-divorzju jaffetwa l-opportunitajiet li għandu individwu f'ħajtu, d-deċiżjonijiet li jkun se jieħu u r-responsabbilta' li jġibu magħhom.

## 1.1. Nuqqas ta' Leġislazzjoni

Ġewwa Malta jinħass nuqqas ta' politika aġġornata fejn hija kkonċernata l-familja. Konsegwentament l-istat għadu mhux jirrikonoxxi kif jixraq forom ġodda ta' familji u realtajiet oħra marbuta mal-ħajja miżżewġa u t-trobbija tat-tfal. L-istili ġodda ta' ħajja u għixien tal-Maltin jitolbu għajnuniet u regolamentazzjoni imtejba, kemm fuq bażi soċjali u kif ukoll fuq livell ekonomiku.

In-nuqqas tad-divorzju fil-liġijiet lokali jikkonferma li l-istat għadu mhux jirrikonoxxi li bosta żwiġijiet ma jirnexxux jew jispiċċaw imfarrkin. Il-liġijiet preżenti għadhom ma jagħtux l-opportunita' lil koppji mifruda li jibdew il-ħajja miżżewġa tagħhom mill-ġdid ma' persuni differenti.

Sewjekkjidħolusewjekkmajidħolxid-divorzju,l-esperjenzaliqedjgħaddduminnhat-tfalfil-preżentmhux qedtkunmgħejunaminnservizzisoċjaliimmiratisabiexifehmulit-tfaliċ-ċirkostanziliqedtkungħaddejja minnhomil-familjatagħhom.Danmajiġġustifikaxil-fattlipajjiżnagħaduminghajrdivorzju–jekkiż-żwieġ majkunxjista'jkomplijiffunzjonal-adultixortawaħdajtemmur-relazzjonitagħhomtaħtdivorzjuindirett.

## 1.2. L-għażla tan-nies

Minkejja n-nuqqas ta' leġislazzjoni adekwata dwar id-divorzju, bosta persuni xorta qed jagħżlu li jiftehmu b'mod informali li jtemmu ż-żwieġ tagħhom u jkomplu jgħixu kif jixtiequ. Dawn il-persuni qed jagħżlu li jinjoraw l-obbligi tagħhom ta' miżżewġin quddiem l-istat, u jkomplu l-ħajja tagħhom f'pożizzjonijiet irregolari. Dawn il-persuni m'għandhomx ir-rikonoxximent tal-istat u l-problema tkompli ssir ikkumpikata meta xi ħadd mill-koppja jibda relazzjoni ma' persuna oħra.

Qed naraw kif persuni li ż-żwieġ tagħhom ikun falla jispiċċaw jgħixu f'koabitazzjoni ma' persuni oħra fejn anke jkollhom it-tfal. Fin-nuqqas tad-divorzju, din il-koppja ma tkunx tista' terġa' tiżżewweġ u jkollha l-ulied meta hija tinsab miżżewġa.

Mill-banda l-oħra teżisti sitwazzjoni fejn persuni li minkejja li ż-żwieġ tagħhom ikun falla, jibqgħu xorta flimkien minħabba li ma jkunux jistgħu japplikaw għal separazzjoni jew annullament taż-żwieġ tagħhom (empty shell marriages). F'dawn il-każi, fejn il-familja tispiċċa tidgħajjef, xorta qed jinħolqu problemi kbar lil koppja u saħansitra lit-tfal. Dawn tal-aħħar jiġu għalhekk imtella' f'ambjent ta' familja xejn b'saħħtu, minflok li jkollhom iċ-ċans li jaraw lil ġenituri tagħhom jgħixu mill-ġdid fi żwieġ b'saħħtu.



## 1.3. Il-liġi tal-Koabitazzjoni

Il-liġi tal-koabitazzjoni tista' tidher bħala soluzzjoni quddiem sitwazzjoni fejn koppji miżżewġa qed jaqbdu u jtemmu ż-żwieġ tagħhom u jkollhom relazzjoni ma' persuni oħra. Minkejja dan, huwa biss id-divorzju li jagħti l-opportunita' lil persuna terġa' tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha fiż-żwieġ. Nemmnu li m'għandux ikun hemm żewġ tipi ta' drittijiet, dawk għal koabitati u dawk għal miżżewġin. Għaldaqstant minn dan l-aspett koppji għandhom ikollhom l-opportunita li jerġgħu jiżżewġu u jkollhom l-istess drittijiet u doveri bħal koppji oħrajn miżżewġa.

## 1.4. Tifrik fiż-Żwieġ

Jissemma ħafna l-argument li l-introduzzjoni tad-divorzju tista' twassal għal aktar tifrik fiż-żwieġ. L-istatistika provduta mill-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika f'Malta u l-informazzjoni provduta minn riċerka tal-Eurostat juru li minkejja li m'għandhiex id-divorzju, Malta għanda rata ta' żwieġ imkissra li tleħħaq jew taqbeż dawk f'pajjiżi oħra. Eżempju filwaqt li f'Malta l-persentaġġ ta' żwieġ li ma jirnexxix huwa ta 22%, filwaqt li kwart tat-tfal li jitwieldu f'Malta qed jitwieldu barra ż-żwieġ. Fl-Italja u fl-Irlanda fejn jeżisti d-divorzju, ir-rati ta' żwieġ li ma jirnexxux huma anqas, 20.7% u 15.4% rispettivament.

## 1.5. Diskriminazzjoni

Iċ-ċittadini Maltin huma ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Din għamlitha iktar faċli għal Maltin sabiex jiddeċiedu li jħollu ż-żwieġ tagħhom permezz tad-divorzju ġewwa xi pajjiż ieħor. Is-sitta u għoxrin pajjiż ieħor fl-Unjoni Ewropea kollha għandhom il-leġislazzjoni tad-divorzju. B'hekk l-opportunita' ta' koppja Maltija li tagħżel li tmur għad-divorzju tiddependi biss minn skont kemm dik il-koppja hijiex finanzjarjament kapaċi li tmur tagħmel dan minn barra l-pajjiż. Sitwazzjoni bħal din hija inaċċettabbli u jekk verament se naslu għall-konklużjoni li d-divorzju huwa dritt, l-istat għandu mill-aktar fis jara li dan ma jibqax biss aċċessibbli għal min jiflaħ iħallas sabiex iġibu minn barra l-pajjiż.

## 2. L-Aspett Ekonomiku

Il-familja hija l-benniena tas-soċjeta'. Matul iż-żmien l-imħabba u l-flus kienu minn dejjem l-aktar żewġ fatturi importanti wara ż-żwieġ. Fil-passat il-qaghda ekonomika tal-persuna kienet tilgħab irwol importanti ħafna fiż-żwieġ. L-istorja turina kif diversi persuni ppruvaw itejbu l-qagħda ekonomika, finanzjarja u soċjali tagħhom billi jiżżewgu xi ħadd aktar sinjur minnhom. Xi kultant id-deċiżjoni wara dawn iż-żwiġijiet kienet tkun tal-persuna innifisha, filwaqt li f'każijiet oħra kienu jkunu membri tal-familja li jimbuttaw iż-żwieġ biex titjieb il-qagħda finanzjarja u ekonomika.

### 2.1. L-influwenza tal-flus fuq il-familja

Irrispettivament jekk wieħed jiżżewwiġx għall-flus jew għax ikun verament iħobb lill-persuna l-oħra, il-finanzi u l-qagħda ekonomika tal-familja jsiru żewġ fatturi kruċjali u importanti għall-koppja miżżewġa. Kunċett bażiku fl-istudju tal-ekonomija hi l-idea tat-tqassim tax-xogħol, fejn dan jinqasam bejn diversi persuni flok isir minn persuna waħda waħedha. Ħafna drabi meta aktar minn persuna waħda tkun involuta fil-proċess, ir-riżultat u l-produzzjoni li toħroġ mill-isforz konġunt tagħhom tkun ħafna aktar milli kieku kull persuna taħdem għal rasha. F'dan il-każ per eżempju, meta persuna tiżżewweġ, tkun ħafna aktar faċli għaliha li trabbi familja u tamministra d-dar u l-ispejjeż tagħha milli kieku kellha tkun 'single parent'.

Madanakollu l-benefiċċji ekonomiċi li wieħed igawdi miż-żwieġ imorru 'il hinn mit-tqassim tax-xogħol. Koppja miżżewġa per ezempju issibha ħafna irħas biex tixtri polza ta' assigurazzjoni għad-dar u l-assi tagħha. Barra minn hekk affarijiet bħall-ikel jiswew ħafna inqas meta jinxtraw f'ammonti akbar u li jservu għal żewg persuni jew aktar. Dan ifisser li l-ispiża għal kull prodott ghal koppja miżżewġa hi inqas milli kieku l-prodott jigi mixtri minn individwu.

### 2.2. Impatt tad-divorzju fuq l-ekonomija

Meta koppja tiddivorzja u tinfired, l-assi kollha tagħha jintilfu. Dan iwassal għal impatti negattivi fuq il-qagħda ekonomika tal-persuni involuti. Madanakollu f'termini ekonomiċi, wieħed jista' wkoll jargumenta li d-divorzju jwassal biex jiġu ridistribwiti u użati b'mod aħjar riżorsi li fi żwieġ fallut ikunu qed jiġu użati b'mod ineffiċjenti.

L-ewwel impatt li jħalli d-divorzju fuq il-qagħda ekonomika tal-persuna jiġi mill-ispiża biex wieħed jikseb id-divorzju innifsu. Iz-żwieġ huwa kuntratt legali u għalhekk jinvolvi proċess legali ieħor biex jinħall dan il-kuntratt. Meta jkun hemm kunsens mill-koppja dwar id-divorzju u jkun hemm qbil kif ser jinqasmu l-assi taż-żwieġ u dwar il-kustodja tat-tfal, l-ispiża tal-proċess legali tkun ħafna anqas u ġeneralment tikkonsisti f' miżati tal-Qrati u miżati biex jiġu arkivjati d-dokumenti.

Meta ma jkunx hemm kunsens dwar proprjetajiet, kustodji tat-tfal u kunsens bejn avukati, l-ispiża tal-proċess tad-divorzju tikber ħafna. Barra minn hekk ċertu assi ma tkunx facli biex jiċu maqsuma bejn żewġ persuni. Assi bħall-karozzi ġeneralment iridu jgħaddu għand persuna waħda mill-koppja, li trid tikkumpensa lill-parti l-oħra bil-valur tas-suq tal-istess ass. Alternattiva oħra tkun li l-assi jinbiegħu u jinqasmu l-flus iġġenerati mill-bejgh bejn il-partijiet ikkonċernati.

Ta' min jgħid ukoll li l-flus iġġenerati mill-bejgħ tal-assi jiddependi fuq il-kundizzjonijiet u l-prez



zijiet fis-suq dak iż-zmien li fih ikun qed jsir il-process tad-divorzju. Għalhekk f'termini ekonomiċi

nistgħu ngħidu li jekk il-kundizzjonijiet tas-suq ma jkunux favorevoli, id-divorzju jħalli l-partijiet ikkonċernati f'qagħda ekonomika relattivament agħar minn dik ta' qabel id-divorzju. Għalkemm dawn huma fatti magħrufa, ġeneralment in-nies ma jipposponux id-divorzju sakemm il-kundizzjonijiet tas-suq ikunu favorevoli. Anzi ħafna drabi kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji jkunu l-aħħar affarijiet li jwasslu biex żwieġ mhux b'sahhtu eventwalment jitfarrak. Hawn l-assi jigu mibjugħa bi prezzijiet orħos mill-prezzijiet tas-suq, jiġifieri b' telf f'termini ekonomiċi għall-koppja li tkun qed tiddivorzja.

Ġa la darba l-process tad-divorzju jkun lest, iqumu fatturi oħra. Meta koppja tinfired u taqsam l-assi, dak li qabel ikun qed isir minn żewġ persuni bħala koppja issa jkun jeħtieġ li jsir minn żewġ persuni individwali. Għalhekk kull persuna trid taħseb għal post fejn tgħix u kif se tixtri għal rasha dak li qabel kien jinxtara bejn il-koppja. Barra minn hekk d-djar iridu jiġu mimlija mill-ġdid biex persuni jkunu jistgħu jabitaw fihom - għal darba oħra jfisser li l-persuna trid tħallas mill-ġdid dak li qabel kienet tixtri darba u taqsam bejn tnejn. Spejjeż oħrajn fosthom dawk ta' poloz ta' assigurazzjoni per eżempju jkunu meħtieġa għal żewġ resisdenzi flok waħda. Għalhekk in-nefqa tal-ħajja għal żewġ persuni tirdoppja. Wieħed jista' jargumenta li f'każijiet bħal dawn id-divorzju jiġġenera żieda fl-infiq li twassal f'impatti pożittivi fuq l-ekonomija.

### 2.3. Impatti ekonomiċi tad-divorzju fuq is-soċjeta

Ma' l-ewwel daqqa t'għajn id-divorzju jħalli impatti ekonomiċi negattivi fuq in-nies involuti, bl-ewwel u l-aktar wieħed li jinħass ikun l-effett li jħallu l-qrati. Proċeduri legali jfissru li l-proċess tad-divorzju jieħu ż-żmien adekwat. Jirrikjedi riżorsi li jwasslu għal żieda fil-piżijiet u l-burokrazija tal-qrati Maltin. Għalkemm ħafna mill-ispejjeż tad-divorzju jiġu mħallsa mill-koppja stess, spejjeż oħra jżidu man-nefqa tal-stat fis-sistema ġudizzjarja.

Meta spejjeż bħal dawn jiżdiedu, ġeneralment dan jissarraf f'piżijiet akbar fuq dawk kollha li jħallsu t-taxxa li jridu jagħmlu tajjeb għal dawn iż-żidiet. Barra minn hekk każijiet oħra fil-Qrati li mhumiex relatati ma' żwiġijiet jaffaċjaw aktar żmien biex tinqata' l-kawża minħabba ż-żieda fin-numru ta każijiet fil-Qrati bl-introduzzjoni tad-divorzju. Ħela ta' żmien twassal għal ħela ta' fondi - iż-żieda fiż-żmien biex jinqatgħu l-kawżi jrid jagħmel tajjeb għalihom il-konsumatur li jaffaċċja prezzijiet ogħla.

Apparti minn hekk hemm l-ispejjeż ukoll tas-sistema tas-servizzi soċjali. Wara li bid-divorzju jista' jkun li wieħed mill-partijiet ikkonċernati jispiċċa bi dħul anqas u spejjeż akbar, dan iwassal biex il-persuna tispiċċa tgħix f'kundizzjonijiet inferjuri u f'riskju ta' faqar. Meta dan ikun il-każ, il-persuna issir eliġibbli għal assistenza soċjali f'diversi forom fosthom sussidji u pagamenti ta' flus. Għal darba oħra żidiet fin-nefqa fi spejjeż bħal dawn iridu jagħmlu tajjeb għaliha dawk li jħallsu t-taxxa.

Impatt negattiv ieħor tad-divorzju huwa marbut mal-involviment tat-tfal. Meta koppja li jkollhom it-tfal jinfirdu, it-tfal ġeneralment ikollhom bżonn ta' aktar programmi ta' counselling u assistenza oħra.

### 2.4. Konlżujonijiet ekonomiċi

Meta wieħed jiddiskuti d-divorzju mill-aspett ekonomiku, il-punt tat-tluq huwa l-prezz dovut sabiex jinħall il-kuntratt legali. Jeżistu diversi teoriji fuq kemm wieħed normalment iħallas sabiex jiddivorzja. L-iżball tagħna normalment ikun meta nieħdu bħala eżempju

każi fix-xena tal-ispettaklu fejn jidħlu ammonti eżorbitanti ta' flus sabiex jittieħed id-divorzju. B'hekk nemmnu li l-istat m'għandux jinqeda bid-divorzju bħala introjtu finanzjarju.

Is-seperazzjoni ta' koppja permezz tad-divorzju jġib miegħu piżijiet finanzjarji individwali fuq il-membri tal-familja. Fil-każ ta' membri fil-familja dipendenti fuq membru wieħed, il-problema hija akbar, wara li dawn iridu jsibu mezzi ġodda ta' sostenn finanzjarju. B'hekk id-divorzju m'għandux iservi sabiex jinħolqu aktar problemi relatati ma' faqar u każi soċjali abbinati miegħu. Meta persuna ddivorzjata tkun tista' terġa' tiżżewweġ tkun qegħda tnaqqas mill-lista ta' nies dipendenti fuq l-istat għal xi forma ta' għajnuna soċjali jew oħra.

Fl-aħħar nett tajjeb li wieħed jinnota li l-impatti ekonomiċi u finanzjarji tad-divorzju msemmija f'din il-parti tad-dokument huma simili ħafna għall-impatti li qed iħallu s'issa deċiżjonijiet ta' koppji li jagħżlu li jwaqqfu ż-żwieġ tagħhom bil-metodi eżistenti s'issa.



# 3. L-Aspett Legali

Id-divorzju huwa fl-aħħar mill-aħħar liġi. Sabiex f'Malta id-divorzju jiddaħħal u jkun aċċessibbli, dan irid jiġi mdaħħal fis-sistema legali ta' pajjiżna. L-idea tad-divorzju bħalikieku kien xi prodott li tixtrih fi ftit ħin minn fuq l-ixkaffa hija waħda li ma tagħmilx sens. Dan għaliex id-divorzju jeżisti fuq numru ta' kundizzjonijiet u proċeduri infurzati minn awtoritajiet stabbiliti fil-pajjiżi żviluppati li għandhom id-divorzju. Għalhekk il-liġi tad-divorzju għandha jkollha dawk l-elementi u teknikalitajiet kollha possibbli bħala regolamentazzjoni stabbilita ta' pajjiżna.

### 3.1. Rikonċiljazzjoni

Nemmnu li koppja għandha tingħata ċ-ċans li tiddivorzja biss meta din ma jkollha l-ebda tama li tirrikonċilja. Hekk l-istat irid ikattar l-għajnuna li tingħata lil koppji miżżewġa bi problemi, speċjalment dawk li jieħdu deċiżjoni mmedjata li għandhom imorru għad-divorzju. Din l-għajnuna għandha tibqa' tingħata lill-membri tal-familja, speċjalment it-tfal, anke jekk koppja tispiċċa tinfired u eventwalment tieħdu d-divorzju.

### 3.2. Kawża wara d-divorzju

Diskussjoni essenzjali matul il-formazzjoni ta' liġi adekwata favur id-divorzju għandha tagħti lok fejn il-każi ta' problemi bejn il-koppji ma jiġux iġġernalizzati iżda studjati individwalment. Fis-sistema użata bħalissa tas-separazzjoni t-tendenza hija li l-sistema legali tistħarreġ il-kawża li ż-żwieġ ma jkunx jista' jitkompla. Jekk il-Qorti tiddikjara li ħadd mill-koppja m'huwa responsabbli tal-kawża li wasslet għall-problemi fiż-żwieġ, l-akkwisti fil-komunjoni jinqasmu bin-nofs. Dan japplika ħlief meta jkun hemm manteniment. Bħalissa jekk persuna tapprova li s-sieħeb jew is-sieħba tagħhom wasslu sabiex iż-żwieġ jitkisser, dik il-parti l-oħra li jkollha t-tort, tispiċċa żvantaġġata meta jiġi biex jinqasmu l-pussessi tal-familja.

Fil-kuntest tad-divorzju, persuna li tapplika għalih m'għandhiex tiġi awtomatikament meqjusa li tagħha huwa t-tort li ż-żwieġ tfarrak. Persuna li tirrikorri sabiex tiddivorzja ż-żwieġ m'għandha qatt tkun akkużata bħala l-kawża tat-tifrik taż-żwieġ. Altru minn hekk, is-sistema legali trid tistabilixxi l-veru kawżi ġenwini għala persuna jew koppja tagħżel li timxi għad-divorzju.

### 3.3. Manteniment

Fis-separazzjoni l-manteniment huwa obbligatorju, saħansitra persuna tista' titlob żieda fil-manteniment jekk is-sieħeb jew is-sieħba tagħha per eżempju tiżdied fil-paga.

Dan jiġri għax bis-separazzjoni koppja tibqa' meqjusa bħala miżżewġa. Dan mhux il-każ fid-divorzju, u dan it-tibdil iħalli effett kbir fuq il-manteniment. Minkejja li l-irbit bejn koppja miżżewġa jinħall b'mod permanenti bid-divorzju, m'għandux ikun hemm sitwazzjoni fejn ma jingħatax manteniment. Mhux talli hekk, talli l-assigurazzjoni ta' manteniment fejn hu essenzjali għandha tkun waħda mill-kundizzjonijiet li fuqhom jiġi mgħoti d-divorzju.

### 3.4. Kura u kustodja tat-tfal

Il-Qorti tagħti kura u kustodja tat-tfal lil min taħseb li hu fl-aħjar interessi tat-tfal. Din hija prinċipju fundamentali li anke fil-każ tad-divorzju, għandha tibqa' tikkumplimenta prinċipju fundamentali ieħor. Fil-fatt nisħqu fuq il-prinċipji fundamentali li t-tfal għandhom ikollhom aċċess tal-ġenituri bioloġiċi tagħhom.

### 3.5. Żwieġ tal-Knisja u d-Dritt Kanoniku

Il-liġi dwar id-divorzju m'għandhiex toħloq anomaliji antipatiċi fis-sistema legali, amministrattiva jew soċjali. Meta xi ħadd jieħu d-divorzju, dan se jagħmlu biss miż-żwieġ ċivili. Jekk din il-persuna tagħżel li terġa' tiżżewweġ, din tista' tagħmel hekk biss biċ-ċivil. Għaldaqstant persuna tista' tkun f'sitwazzjoni fejn tkun miżżewġa ma' persuna quddiem il-Knisja u quddiem persuna oħra quddiem l-istat.

Nipproponu li fit-tfassil ta' liġi adekwata dwar id-divorzju, tkun ċara mill-bidu kif din il-kwistjoni se tiġi indirizzata sabiex ma ċċaħħadx familji sħaħ u tfal mill-benediċċji u l-għajnuna li jkunu meħtieġa.

### 3.6. Suċċessjoni

Hekk kif jiġri ġeneralment fis-seperazzjonijiet, l-imseħbin f'koppja jirrinunzjaw għad-drittijiet tas-suċċessjoni li jista' jkollhom fuq il-parti l-oħra. Dan jiġri f'każ ta' mewt tal-parti l-oħra. Wieħed jistenna li f'każ ta' divorzju, il-partijiet ma jibqax ikollhom dritt ta' suċċessjoni. Hekk kif l-irbit bejn il-koppja jispiċċa b'mod definit, koppja li tagħżel li tieħdu d-divorzju għandha tiġi ppreparata fuq dawn l-elementi bażiċi tad-divorzju.

### 3.7. Kontradizzjoni

Għandha tiġi ndirizzata l-kontradizzjoni li tirriżulta fl-Att taż-Żwieġ tas-sena 1975 hekk kif ġie emendat fis-snin disgħin. Din il-kontradizzjoni tikkonċerna l-proċeduri tat-Tribunal Ekkleżjastiku u l-Qrati Maltin. Fis-sitwazzjoni preżenti, l-Qorti jistenna lit-Tribunal jiddeċiedi meta dawn ikollhom quddiemhom applikazzjonijiet fuq l-istess żwieġ:

> *Artiklu 30. (1) Meta t-tribunal jagħti digriet li bih jilqa' petizzjoni li permezz tagħha jinbeda quddiem dak it-tribunal każ għad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' żwieg kattoliku ċelebrat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, il-Kanċillier tat-Tribunal jew min jagħmilha minfloku għandu jikkonsenja ċertifikat li juri li dik il-petizzjoni tkun intlaqgħet, liema ċertifikat għandu jkun debitament awtentikat, lir-Reġistratur tal-Qrati li mbagħad iżommu dak iċ-ċertifikat f'reġistru għaldaqshekk.*
>
> *(2) Malli ssir ir-reġistrazzjoni msemmija fis-subartikolu (1), il-qorti tieqaf milli tkun iktar kompetenti li tittratta l-kwistjoni; u meta jkun hemm pendenti quddiem il -qorti azzjoni għad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' żwieġ li dwaru jkun intbagħat ċertifikat lir-Reġistratur skond is-subartikolu(1), il-qorti għandha tissospendi s-smiegħ tal-każ pendenti quddiemha, u ma tistax .*
>
> *terġa' tibda tisma' l-każ u, f'kull każ, ma terġax issir kompetenti sakemm il-każ ikun skond il-proċeduri tat-tribunal, irtirat minn quddiem it-tribunal jew sakemm jew ikun ġie dikjarat deżert.*
>
> *Artiklu 23. (1) Deċizjoni li tkun saret eżekuttiva, mogħtija minn tribunal, u li tiddikjara n-nullita' ta' żwieg kattoliku għandha, meta parti waħda tkun domiċiljata Malta jew tkun ċittadin ta' Malta, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 24, tiġi rikonoxxuta u mar-reġistrazzjoni tagħha skond l-imsemmi artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet deċizjoni minn qorti u li tkun saret res judicata.*
>
> *(2) Deċizjoni li tkun saret eżekuttiva, mogħtija minn tribunal, u li ssostni l-validita' ta' żwieġ kattoliku għandha, meta parti waħda tkun domiċiljata Malta jew tkun ċittadin ta' Malta, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24, tiġi rikonoxxuta u mar-reġistrazzjoni tagħha skond l-imsemmi artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet deċizjoni minn qorti u li tkun saret res judicata u għalhekk ma tkunx suġġetta għal ri-eżami fuq l-istess ragunijiet.*

B'dan il-mod għandha tiddaħħal separazzjoni bejn il-proċeduri użati mill-Knisja u proċeduri oħrajn meħtieġa fil-Qrati. Dan speċjalment meta tikkonsidra li f'każ li jiddaħħal id-divorzju, dan huwa rikonoxxut biss fis-sistema użata fiċ-ċivil u mhux mill-Knisja. Jekk kemm-il darba l-liġi tibqa' kif inhi u jiġi introdott id-divorżju, din se twassal għal kumplikazzjonijiet u burokrazija akbar detrimenti għal min għandu bżonn id-divorzju.

### 3.8. Mistoqsija

Il-poplu ser jiġi mistoqsi jiddeċiedi dwar id-divorzju f'referendum. Ovvjament dan il-proċess jitlob il-formolazzjoni ta' mistoqsija li fuqha l-votanti jiddeċiedu jekk għandux jiddaħħal id-divorzju jew le.

Ġewwa pajjiżna qed jiġi diskuss divorzju magħruf bħala responsabbli. Id-diskussjoni qed iddur mhux biss fuq il-kunċett tad-divorzju minnu nnifsu, iżda wkoll fuq dawk il-kundizzjonijiet bżonnjużi għal persuna jew koppja sabiex tapplika għad-divorzju.

Nagħrfu l-preokkuppazzjoni ta' dawk favur u kontra d-divorzju li ma jistax ikollna divorzju li jħalli lok li jiġi abbużat u jikkawża aktar ħsara milli ġid fost il-familji Maltin. Għaldaqstant l-għażla li għandhom ikollhom in-nies għandha tkun mibnija fuq il-proposta oriġinali li tispjega n-nies l-prinċipji fundamentali tad-divorzju. Din l-istess proposta hija miktuba fid-dettal fil-proposta mressqa miż-żewġ deputati u ċertament tgħin lill-poplu jibni pożizzjoni aktar soda dwar dan is-suġġett.

Proposta ġenerali fejn wieħed jiġi mistoqsi jekk jaqbilx jew le mal-kunċett tad-divorzju hija waħda perikoluża. Il-poplu mhux biss għandu jkollu l-għażla dwar id-divorzju, iżda wkoll dwar liema tip ta' divorzju għandu jiddaħħal. Hekk inkunu verament ħallejna f'idejn il-poplu Malti sabiex jiddeċiedi b'mod awtonimu dwar id-divorzju, mingħajr ma noħolqu dubji, ostakli u ambigwita' fuq il-mod li bih tiġi implimentata din il-liġi.

# 4. L-Aspett Politiku

Il-kwistjoni tad-divorzju hija wkoll waħda politika. Għalkemm nisħqu li din m'għandha qatt tispiċċa f'dibattitu partiġġan, xorta nagħrfu s-sehem importanti tal-politiċi rigward dan is-suġġett. Huma importanti sabiex jiżguraw li jilleġislaw il-liġi tad-divorzju, jekk din għandha tidħol fis-seħħ. Il-politiċi huma essenzjali wkoll sabiex jgħinu l-implimentazzjoni ta' dak it-tip ta' divorzju li jkollu warajh il-mandat tal-poplu u li verament huwa tat-tip ideali għaċ-ċirkostanzi tas-soċjeta' Maltija.

## 4.1. L-ideoloġija xellugija

L-ideoloġija xellugija għandha l-għeruq tagħha fl-iżvilupp soċjali permezz ta' riformi kontinwi ta' bidli li jtejbu u joffru l-opportunita' lill-inidividwi. Hija waħda li tagħmel bniedem liberu u ma tikkastigax persuna skont id-deċiżjonijiet li tkun ħadet fil-passat.

Għaldaqstant, l-ideoloġija tagħna tħares lejn id-divorzju bħala dritt ċivili li jagħti l-opportunita' lil koppja li ż-żwieġ tagħhom ma jkunx irnexxa li jibdew ħajjithom mill-ġdid. Bl-istess mod persuni li jkunu ħadu d-divorzju jerġa' jingħataw l-opportunita' li jibdew il-ħajja matrimonjali tagħhom mill-ġdid flimkien ma' persuni oħra.

## 4.2. Il-Kamp Konservattiv

Minkejja l-pożizzjonijiet strambi u kontradittorji li addotta l-kamp konservattiv matul iż-żmien, l-ideoloġija leminija tiddefendi l-istatus quo u ma tagħrafx il-problemi kbar li jaf iħabbtu wiċċhom magħhom l-koppji. Forsi minħabba l-fatt li l-lemin dejjem għaraf li jaħtaf l-appoġġ ta' dawk meqjusa bħala liberali, naraw tendenzi fejn amministrazzjonijiet tal-lemin jintilfu jilgħabu bil-ħin u t-teknikalitajiet sabiex drittijiet bħad-divorzju jibqa' ma jidħolx. Bl-iskuża tal-ħarsien tal-valuri u l-familja, anke fl-istess waqt li tinjora problemi ekonomiċi kkawżati fuq il-familja, il-politika tal-lemin tibża' tieħu deċiżjonijiet favur it-tibdil.

## 4.3. Perspettiva Sekulari

Lanqas il-kamp konservattiv ma qed jgħin sabiex tittieħed perspettiva sekulari dwar suġġetti li huma purament ċivili. Meta wieħed jiddiskuti kwistjonijiet bħal ma huwa d-divorzju jrid qabel xejn jagħraf is-seperazzjoni bejn l-istat u l-Knisja, iċ-ċivil differenti minn kwalunkwe domma reliġjuża. Meta wieħed jillimita l-argumenti tiegħu dwar id-divorzju għal uħud ta' natura reliġjuża jkun qed jagħżel li jinjora d-definizzjoni vera tad-divorzju. Mhux talli hekk, talli jkun qed jimponi l-veduti reliġjużi tiegħu fuq persuni oħra li mhux neċessarjament għandhom l-istess twemmin.

Diskussjoni sekulari dwar id-divorzju għandha tassigura wkoll aktar leħen għal minoranzi li sfortunatament, minħabba d-dominanza tar-reliġjon Kattolika, kemm-il darba jispiċċaw emarġinati mid-diskussjoni li tkun għaddejja.



## 4.4. Iż-żmien

Fis-soċjeta' Maltija jeżistu persuni li għandhom bżonn urġenti li jkollhom id-dritt li jieħdu d-divorzju. Jeżistu familji li minkejja li ż-żwieġ tagħhom falla, qed ikollhom jgħaddu minn sistemi burokratiċi sabiex ikunu jistgħu jtemmu ż-żwieġ tagħhom. M'għandhiex xi ngħidu, dawn lanqas ma jkollhom id-dritt li jerġgħu jiżżewġu jekk kemm-il darba jibdew relazzjoni ma persuni oħra. Filwaqt li ntennu li d-diskussjoni dwar l-introduzzjoni tad-divorzju m'għandha qatt issir ballun politiku, jekk id-divorzju huwa verament utli għal dawk li għandhom bżonnu f'Malta, dan għandu jiġi mdaħħal mingħajr dewmien żejjed.

Hekk ukoll m'għandu jkun hemm l-ebda għaġġla żejda. Fiż-żewġ każi l-introduzzjoni tad-divorzju m'għandha sservi qatt sabiex taqdi l-iskopijiet opportunisti ta' xi politikant jew ieħor.

## 4.5. Partiġġaniżmu

Jiddispjaċini nirrimarkaw kif anke l-kwistjoni tad-divorzju, minkejja d-diskorsi u l-wegħdi li nisimgħu kontinwament, ukoll ġiet immanpulata f'argument partiġġan. Stqarrijiet partiġġani mimlija b'attakki u titli bejn l-avversarji wasslu sabiex diversi persuni, fosthom żagħżagħ u studenti, jitilfu l-interess tagħhom f'din il-kwistjoni importanti. Każi oħra jinvolvu l-indħil partiġġan ta' xi partit jew ieħor u l-manuvri li saru fil-Parlament sabiex tiġi moqdija l-aġenda ta' xi partit jew ieħor. Fil-passat diversi kwistjonijiet importanti fl-istorja ta' pajjiżna ġew imtappna mill-politika bil-konsegwenza li l-pajjiż spiċċa ma ħax il-benefiċċji kollha mixtieq mid-deċiżjonijiet finali meħuda.

## 4.6. Mandat

Huwa fatt li ma jeżisti l-ebda mandat tal-poplu favur l-introduzzjoni tad-divorzju. Dan ma jfissirx li l-membri parlamentari Maltin, bħala rappreżentanti tal-poplu, m'għandhomx ikollhom id-dritt li jressqu inizjattivi personali tagħhom. Dan isir meta jkun hemm il-bżonn li jiġu ndirizzati problemi urġenti tal-elettorat li mhux ta' bilfors ikunu mniżżla fil-manifesti elettorali.

Inizjattiva bħal ma ħadu l-Onor. Jeffrey Pullicino Orlando u l-Onor. Evarist Bartolo miż-żewġ naħat tal-Kamra kkonfermat li inizjattivi bħal private member's bill jappellaw għal kuxjenza tad-deputati aktar milli għal dak li jiddettaw l-partiti. Inizjattivi li jwasslu messaġġ ta' maturita' bejn il-Membri Parlamentari u jħallu fil-liberta' l-partiti sabiex jagħtu vot ħieles fuq liġijiet bħal dawn.

Għaldaqstant kull attakk li jsir fuq l-inizjattiva li ħadu dawn iż-żewġ deputati favur l-introduzzjoni tad-divorzju huwa inġust u nikkonsidrawh bħala kundannabbli.

### 4.7. Rapreżentanza

Kwistjonijiet bħad-divorzju għandhom iservu sabiex il-partiti u l-għaqdiet politiċi jsaħħu r-relazzjoni tagħhom mal-elettorat u l-kostitwenti tagħhom. Avvenimenti bħal dawn għandhom jgħinu iservu sabiex il-partiti u l-għaqdiet politiċi jagħrfu aħjar l-ideoloġiji u l-prijoritajiet tagħhom. L-organizzazzjonijiet politiċi fil-pajjiż m'għandhomx jiddejqu jieħdu pożizzjoni dwar suġġetti daqstant sensittivi. Minkejja dan, huwa ta' min ifaħħar l-isforzi li qed jagħmlu diversi persuni fix-xena tal-politika li qed iżommu lura milli jimponu l-veduti tal-partiti tagħhom fuq dawk in-nies li normalment jissimpatizzaw miegħu.

### 4.8. Referendum

Nemmnu li huwa importanti ħafna li l-poplu jkollu sehem dirett fil-metodi użati sabiex jittieħdu deċiżjonijiet importanti bħal ma huwa d-divorzju. Dan ma jfissirx li l-Parlamentari għandhom ifarfru mir-responsabbilta' tagħhom li jilleġislaw minn jeddhom favur aktar drittijiet ċivili fis-soċjeta'. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li huwa wieħed mid-dmirijiet tar-rapreżentanti tagħna fil-Parlament li jilleġiżlaw favur il-minoranzi, u mhux neċessarjament dak li tiddeċiedi l-maġġoranza. Huwa wkoll fundamentali li dan l-organu essenzjali fl-Amministrazzjoni tal-pajjiż jasal għall-aqwa deċiżjonijiet essenzjali għas-soċjeta', deċiżjonijiet li mhux normalment ikunu popolari mal-poplu.

Fl-aħħar mill-aħħar jekk pajjiżna se jmur għal referendum, dan m'għandux ikun imxekkel minn vuċijiet oħra ddettati mill-politika. F'dan l-aspett, il-poplu għandu jkun imħalli jiddeċiedi skont il-kuxjenza tiegħu dwar l-introduzzjoni tad-divorzju f'pajjiżna.

### 4.9. Il-Movimenti

Aktar ma jmur qed naraw li l-movimenti favur jew kontra d-divorzju aktar qed iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fid-diskussjoni dwar id-divorzju. Dawn il-movimenti jinkludu fihom persuni ta' perspettivi u twemmin differenti u jippromwovu l-inklussivita' li għandha tiddomina fid-diskussjoni fuq livell nazzjonali. Dan kollu jawgura tajjeb għal kampanja li tinsab għaddejja, fejn il-poplu ma jħossux immexxi mill-partiti politiċi iżda minn movimenti li n-nies jafu preċiżament x'inhija l-aġenda tagħhom.



## Konklużjoni

Kull min jiddeċiedi li jagħżel il-ħajja miżżewġa, jagħmel dan bl-intenzjoni li jkollu żwieġ hieni u bi problemi mill-anqas. Ħadd ma jkun jixtieq li ż-żwieġ tiegħu jfalli jew li xi darba se jispiċċa ma jistax jgħix aktar mas-sieħeb jew sieħba tiegħu. Għalhekk wieħed jixtieq l-ideali, li ħadd ma jiġi bżonn li jtemm iż-żwieġ tiegħu jew li jkollu bżonn id-divorzju.

Il-verita' m'hijiex hekk u fir-realta' iż-żwieġ jgħaddi minn ħafna ostakli u problemi li saħansitra jistgħu jwasslu għat-tifrik tiegħu. Soċjeta' realistika trid tagħraf dan u tħejji ruħha sabiex tibqa' ssostni lil dawk il-persuni involuti f'dawn it-tip ta' problemi.

Anke jekk il-pożizzjoni tagħna hija kontra li jkun hawn id-divorzju, irridu nagħrfu li ma nistgħux inkunu egoisti u nċaħħdu d-dritt lil dawk li għandu bżonnu. Ħadd ma huwa sfurzat li jieħu d-divorzju, u anke jekk jidħol fis-seħħ, persuni jistgħu jieħdu d-divorzju biss jekk iridu huma.

Huwa ta' sodisfazzjon enormi għalina li ż-żwieġ għad għandu sehem importanti fis-soċjeta' Maltija. Iżda mbilli ħafna familji Maltin huma sodi ma jfissirx li għandna ninjoraw lil dawk fostna li fallielhom iż-żwieġ u jixtiequ jibdew il-ħajja matrimonjali tagħhom mill-ġdid.

Ma nistgħux naċċettaw id-divorzju bl-iskuża li jeżisti kullimkien fl-Ewropa barra Malta. Anzi għandna mmorru għad-divorzju b'konvinzjoni u prinċipji sodi li rridu nsaħħu d-drittijiet ċivili f'pajjiżna.

Irridu mmorru għal dak id-divorzju li ma joħnoqx iż-żwieġ. B'hekk naqblu mad-divorzju propost, dak magħruf bħala responsabbli u li jħaddan dawn it-tliet elementi fundamentali:

- Sabiex koppja tapplika għad-divorzju trid tkun ilha sseperata għal ammont sostanzjal ta' żmien, preferibilment snin.

- Koppja trid tipprova quddiem il-Qorti li sfruttat metodi mitluba sabiex tirrikonċilja u ma rnexxiliex, qabel tikkwalifika għal proċeduri biex tieħu d-divorzju. Mekkaniżmu partikolari għandu jiddaħħal sabiex jassigura li l-provi miġjuba mill-koppja huma tabilħaqq validi.

- Jiġi żgurat li dawk il-persuni dipendenti fuq il-familja magħquda, l-aktar it-tfal, jibqa' jingħatalhom il-manteniment adekwat anke meta koppja tiddivorzja. B'hekk id-divorzju m'għandux iservi sabiex jitmermer l-għixien tal-membri tal-familja.

L-istat għandu jagħmilha mill-iżjed faċli sabiex il-poplu jkollu l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar id-divorzju. Sfortunatament mhux qed tingħata informazzjoni dwar dan is-suġġett daqs kemm konna imdorrijin naraw f'kampanji oħra fil-passat, fosthom dik dwar is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u promozzjoni oħra li ssir ta' kull sena relatata mal-Budget preżentat mill-Gvern. Barra minn hekk, ix-xandir tal-istat għandu jkun wieħed bilanċjat u li jagħti spazju ugwali liż-żewġ movimenti favur jew kontra d-divorzju.

Pulse tħeġġeġ liż-żewġ movimenti jaħtfu kull opportunita' li jkollhom sabiex iżidu l-informazzjoni aċċessibbli għan-nies. Għandhom ikomplu jmexxu kampanji tolleranti u li jiggarantixxu dibattitu matur u dinjituż.

L-għaqda tħeġġeġ ukoll lill-istudenti u ż-żagħżagħ jipparteċipaw bis-sħiħ fid-diskussjoni dwar id-divorzju. Dan għandu jservina sabiex inħejju l-bażi ta' diskussjoni għal aktar drittijiet ċivili li għandu bżonn il-pajjiż.

Qed nappellaw finalment, mill-konklużjonijiet u d-diskussjoni preżentata f'dan id-dokument, li ż-żagħżagħ u l-istudenti m'għandhomx jitilfu ċ-ċans li jkollhom dan id-dritt ċivili. Nemmnu li għandhom ikunu huma minn ta' quddiem sabiex jassiguraw, mhux biss bil-vot tagħhom, li ma nibqgħux inċaħħdu dan id-dritt importanti lil dawk li verament għandhom bżonnu.

Filwaqt li jikkampanjaw favur divorzju responsabbli, iż-żagħżagħ Maltin huma fid-dmir ixerrdu l-messaġġ ċar dwar x'għandha bżonn is-soċjeta', issa u fil-futur. Iridu jkunu huma l-mutur li jixpruna iżjed drittijiet ċivili, b'akbar responsabbilta'.